MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1216/2003

**Bank of Valletta p.l.c**

***Versus***

***Golden Isle Services Limited; u Godwin Pace***

F'din il-kawża s-soċjeta' attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iroddu self ta' sitta u għoxrin elf, mija u sebgħa u disgħin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm26,197.52), flimkien ma' l-imghax mill-1 t'Ottubru 2003 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 2003 u ta' żewġ mandati kawtelatorji ippreżentati flimkien maċ-ċitazzjoni.
B'nota tat-18 ta' Mejju 2004 il-konvenut ammettew it-talbiet.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenuti billi tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi sitta u

għoxrin elf, mija u sebgħa u disgħin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm26,197.52), flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż mitluba miċ-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------